**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2019

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 7**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 7 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
07.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
07.5 Rapporti;
07.6 Aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti QLC – LC 49/19 – Sejħa għas-Servizzi Professjonali ta' Konsulent Legali lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
07.7 Immanniġġjar tat-Traffiku fi Triq it-Torri, Triq is-Salvatur u Triq il-Bali Guarena;
07.8 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
07.9 Aġġornament dwar il-ħatra ta' Contracts Manager fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
07.10 Aġġornament dwar Ġieħ il-Qrendi 2020;
07.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
07.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-7 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

07.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

07.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittra x'tinqara.

07.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

07.2.1 Qabel ġew approvati l-Minuti tas-6 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa jekk huwiex possibbli li fil-Minuti jitniżżlu l-ismijiet tal-persuni li ġibna kwotazzjoni mingħandhom għall-kirja ta' store/kamra tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali.

07.2.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li l-Kunsill Lokali ġabar it-tliet kwotazzjonijiet mingħand persuni mil-lokal u dan minħabba li l-kerrej tal-lok nru 60, Triq il-Kbira, kien qiegħed jitlob ammont li jaqbeż il-€5,000 f'sena.

07.2.1.2 Żied li issa, bil-kwotazzjonijiet li nġabru, il-Kunsill Lokali ser ikun qiegħed iħallas €3,350 (eskl. VAT).

07.2.2 Il-Minuti tas-6 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

07.2.2.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 07.3, 07.4 u 07.5 jiġu diskussi wara Minuta 07.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 07.6 AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – LC 49/19 – SEJĦA GĦAS-SERVIZZI PROFESSJONALI TA' KONSULENT LEGALI LILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

07.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kellu jitlaqa' tliet darbiet minħabba n-numru ta' offerenti kif ukoll għaliex kien hemm bżonn ta' diversi kjarifiċi matul il-proċess.

07.6.2 Huwa ħalla l-kelma f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex ikun jista' jispjega aħjar dak li seħħ.

07.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ewwel laqgħa saret nhar il-Ħamis 10 t'Ottubru 2019 fejn kien deċiż li jintbagħtu e-mails ta' kjarifika permezz tas-sistema ePPS lil offerenti differenti.

07.6.4 It-tieni laqgħa tal-Bord saret fit-2 ta' Diċembru 2019 fejn l-istess Bord ħass li kellu jikkjarifika xi punti oħra ma' xi offerenti sabiex ikun jista' jasal għal deċiżjoni finali.

07.6.5 Fit-tielet laqgħa, li saret fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Bord iddeċieda li tliet offerenti ma kellhomx id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa jew inkella għamlu xi restrizzjonijiet fil-fażi tat-tendering u allura ma setgħux jiġu aċċettati għall-għażla finali.

07.6.6 Għaldaqstant, il-Bord qiegħed jirrakkomanda lill-Kunsill Lokali li jagħżel l-offerta ta' Dr Tiffany Ann Farrugia bħala l-irħas offerta li kellha r-rekwiżiti kollha meħtieġa.

07.6.7 Il-klassifikazzjoni finali tal-offerenti kienet kif ġej:

- Dr Tiffany Ann Farrugia - €11,040.00;
- FSGM Partners - €23,760.00;
- SMM Consultancy Services Ltd - €32,000.00;
- Advocates Primei – €9,360.00 (ma kellhomx ir-rekwiżiti kollha meħtieġa);
- David Bonello - €7,800.00 (ma kellux ir-rekwiżiti kollha

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

meħtieġa);

- Dr Rosemarie Farrugia - €1,450.00 (ma kellhiex ir-rekwiżiti kollha meħtieġa).

07.6.8 Is-Sindku David Schembri ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jagħżel lil Dr Tiffany Ann Farrugia bħala l-Konsulent Legali tal-Kunsill Lokali għall-erba' snin li ġejjin.

07.6.9 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 07.7 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ IT-TORRI, TRIQ IS-SALVATUR U TRIQ IL-BALI GUARENA

07.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna korrispondenza mis-Sur Etienne Micallef dwar il-biċċa trejqa li minn Triq is-Salvatur tieħdok lejn Triq it-Torri u viċi-versa.

07.7.1.1 Spjega kif xi snin ilu l-Kunsill Lokali kien diġa' tkellem mar-residenti ta' Triq San Nikola, Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro, Triq it-Tabib Gregorio Mifsud u Triq Dun Nerik Mahoney u tahom iċ-ċans jagħżlu jekk iridux li Triq it-Torri ssir one-way jew inkella tibqa' two-way u jitnaqqsu xi parkeġġi.

07.7.1.2 Qal li mill-ittri kollha li bgħattna rċevejna tmienja lura fejn sebgħa għażlu li Triq it-Torri tibqa' two-way filwaqt li kien resident wieħed li vvota li ssir one-way.

07.7.1.3 Żied li fil-passat kienu diġa' saru bollards minn sid id-dar li kien joqgħod hemmhekk fis-snin sebgħin, kif ukoll il-Kunsill Lokali waħħal tabelli sabiex ma jgħaddux trakkijiet. Barra minn hekk, ftit tax-xhur ilu, il-Kunsill Lokali ħaseb għall-immaniġġjar tat-traffiku, tant li inti u ħiereġ minn Triq it-Torri għal Triq is-Salvatur hemm sinjal ta' stop mal-art li jiġi rifriskat kultant żmien, kif ukoll hemm mera kif toħroġ għal

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Triq Santa Katarina.

07.7.1.4 Il-Kunsill Lokali ddiskuta l-proposta li t-triq issir pedonali u qal li jekk dan iseħħ titnaqqas l-aċċessibbilità għall-karozzi u t-traffiku kollu jkollu jgħaddi minn Triq it-Torri kantuniera ma' Triq Santa Katarina.

07.7.1.5 Ġiet diskussa wkoll il-proposta tal-isleeping policeman u s-Sindku qal li jekk dawn ser isiru ser ikun hemm problema kif ser jgħaddi l-ilma tax-xita u jkollna aktar ilmenti li qed jinżamm l-ilma fit-triq. Apparti dan kollu, il-wisa' tat-triq diġa' hija limitata tant li ma tistax issuq b'veloċità qawwija.

07.7.1.6 Ser tintbagħat risposta lil min bagħat l-e-mail b'dawn ir-raġunijiet kollha għaliex fil-preżent il-Kunsill Lokali ma jista' jagħmel xejn dwar dan il-każ.

07.7.2 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sinjuri Martin Scicluna fejn dawn qegħdin jitolbu għal sleeping policeman.

07.7.2.1 Qal li dan il-każ huwa aktar serju minn ta' qablu u dan minħabba li l-karozzi vera jinżlu u jitilgħu jsuqu b'veloċità qawwija avolja hemm parti żgħira fejn it-triq tidjieq.

07.7.2.2 Żied li fiż-żona msemmija mhemmx bankina u allura dan jagħmilha diffiċli aktar għal min ikun ħiereġ mid-dar residenzjali.

07.7.2.3 Is-Sindku ppropona li din l-isleeping policeman għandha ssir u l-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda.

07.7.2.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament u issa ser tintbagħat il-proposta lil Transport Malta sabiex ikollna deċiżjoni finali.

07.7.3 Is-Sindku tkellem dwar talba biex fi Triq l-Imqabba ssir sleeping policeman jew aktar fil-parti inti u sejjer lejn iż-Żurrieq. Dawn isiru minn ħdejn iċ-Ċimiterju tal-Ars sar-roundabout tal-Qrendi.

07.7.3.1 Jidher li minn mindu dik il-parti ta' Triq l-Imqabba saret one-way, il-karozzi qegħdin jgħaddu b'veloċità aktar qawwija minħabba li issa huma ċerti li mhumiex ser isibu karozzi ġejjin mid-direzzjoni opposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

07.7.3.2 Qal li minħabba li fl-aħħar parti tat-triq din tiġi two-way, qegħdin nistennew li jew ikollna xi inċident tat-traffiku, inkella li jittajjar xi ħadd minħabba l-veloċità li qegħdin jiġu biha l-karozzi.

07.7.3.3 Spjega kif tkun ideali jekk nitkellmu ma' Transport Malta sabiex naraw x'parir ituna dwar din is-sitwazzjoni.

07.7.3.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

07.7.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li anke fuq in-naħa l-oħra ta' Triq l-Imqabba hemm problema ta' veloċità u f'dik in-naħa t-trakkijiet qegħdin jgħaddu b'veloċità qawwija ħafna.

07.7.4.1 Is-Sindku wieġeb li dan il-punt diġa' ġie diskuss ma' Transport Malta u r-residenti tat-triq mhux kollha qegħdin jaqblu li jsiru l-isleeping policemen u allura għalissa għadu ma' sar xejn.

07.7.5 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jonathan Bellizzi dwar rampa quddiem garaxx.

07.7.5.1 Qal li ser ikun qiegħed jiċċekkja fuqha f'aktar dettall u forsi tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

07.7.6 Is-Sindku tkellem dwar ilment li rċevejna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba bankina li saret minn sid ta' blokka u li saret wiesgħa wisq fi Triq iż-Żurrieq.

07.7.6.1 Qal li meta s-sid kien talab lill-Kunsill Lokali sabiex issir din il-bankina, il-Kunsill Lokali kien wieġeb li biex issir bankina trid issir b'ċertu regoli u s-sid kien qabad u mar Transport Malta.

07.7.6.2 Min-naħa ta' Transport Malta dawn kienu qalulu li la jridha hu jagħmilha hu, imma jrid iqabbad lil xi ħadd li huwa rreġistrat ma' Transport Malta.

07.7.6.3 Meta saret din il-bankina saret aktar wiesgħa milli kienet il-bankina eżistenti u l-Kunsill Lokali kellu diversi lmenti dwar dan u issa xi ħadd

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

irrapporta anke lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

07.7.6.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk nistgħux nitfgħu din il-problema quddiem Transport Malta ġaladarba kienu huma li tawh il-permess li ssir.

07.7.6.5 Qal li l-Kunsill Lokali qatt ma' ndaħal f'dan il-każ u issa ma jistax jaqbad u jidħol fuqu la kienet Transport Malta li tatu l-permess.

07.7.6.6 Issuġġerixxa li nibagħtu lil Transport Malta biex ikunu huma li jieħdu d-deċiżjoni.

07.7.6.7 Is-Sindku ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimanent.

07.7.6.8 Ta' min jinnota li l-Kunsillier Daniel Farrugia ma ħax sehem fid-diskussjoni dwar din il-materja minħabba li kienet tikkonċerna wieħed mill-familjari tiegħu.

07.7.7 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza minn Transport Malta dwar l-aċċettazzjoni tal-isleeping policeman fi Triq Ġużeppi Muscat.

## 07.8 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

07.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li issa x-xogħol miexi ġmielu. Il-pedament kważi lest kollu, u diġa' ttellgħu erba' filati.

07.8.2 Qal li sfortunatament il-ġimgħa li għaddiet kien hemm inċident fuq is-sit għaliex weġġa' wieħed mill-ħaddiema.

07.8.3 Spjega kif minn ġurnata għall-oħra qed ikun hemm bejn ħames u tmien ħaddiema jaħdmu fuq il-post.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

07.9 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-ĦATRA TA' CONTRACTS MANAGER FIL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

07.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li s'issa għadna qed nistennew risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

07.10 **AĠĠORNAMENT DWAR ĠIEĦ IL-QRENDI 2020**

07.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li n-nomini għal Ġieħ il-Qrendi nħarġu nhar it-Tnejn li għadda u ser jagħlqu l-Ġimgħa 10 ta' Jannar f'nofsinhar.

07.10.2 Ippropona li Ġieħ il-Qrendi jingħata f'serata li tittella' nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar 2020 fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

07.10.3 Barra minn hekk, il-Ħadd 23 ta' Frar ser isir Jum il-Qrendi u s-Sindku ppropona li tiġi ċċelebrata quddiesa b'radd il-ħajr lil Alla fl-10am.

07.10.4 Wara l-quddiesa l-Kunsill Lokali jpoġġi kuruna ta' rand mal-Monument tal-Gwerra.

07.10.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

07.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

07.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-Festival tal-Patata 2020.

07.3.1.1 Staqsa lill-Viċi Sindku Patrick Bugeja jekk intgħażilx is-sotto-kumitat u dan wieġeb l-affermattiv.

07.3.1.2 Qal li għalissa nistgħu nagħmlu d-data proviżorja għall-Ħadd 17 ta' Mejju 2020 imma din id-data għadha trid tiġi kkonfermata.

07.3.1.3 L-ewwel laqgħa tas-sotto-kumitat ser issir f'Jannar 2020.

07.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-workshop kreattiv organizzat mir-Reġjun tan-Nofsinhar u qal li sfortunatament attendew biss l-Ambaxxatur taż-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Żgħażagħ u hu.

07.3.3 Is-Sindku tkellem dwar konferenza li saret f'Mandanici, Sqallija dwar l-immigrazzjoni.

07.3.3.1 Qal li attenda l-Kunsillier Daniel Farrugia flimkien miegħu.

07.3.3.2 Żied li l-Kunsill Lokali ma' ħareġ xejn finanzjarjament għal din il-konferenza.

07.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-inizjattiva "Achievers," li tirrigwarda ċ-ċittadinanza attiva.

07.3.4.1 Qal li lbieraħ kien hemm laqgħa r-Reġjun tan-Nofsinhar u tkellmu dwar din l-inizjattiva u issa ser nibagħtu lill-għaqdiet kollha biex jekk jista' jkun jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

07.3.4.2 Spjega kif ser jingħataw madwar €90,000 imma hemm ċerti kriterji biex wieħed japplika, u kull applikant jista' jieħu sa massimu ta' €3,000 għal kull applikazzjoni.

## 07.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

07.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u qal jekk quddiem il-bieb jistax isir railing biex it-tfal ma joħorġux jiġru.

07.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li dan l-ilment diġa' tressaq lill-Kunsill Lokali u jidher li hemm persuna partikolari li qiegħda ddur lin-nies biex joqgħodu jgergru dwar dan il-fatt, meta mhuwiex minnu li t-tfal qegħdin joħorġu jiġru miċ-Ċentru.

07.4.1.2 Żied li fil-każijiet tal-Mużew tas-Subien u tal-Bniet, ir-railing kien isir għax ma kienx hemm foyer kif hemm iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

07.4.1.3 Qal li wieħed jista' jikkunsidra din il-proposta.

07.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar Triq il-Ġwiewel u Triq iż-Żurrieq minħabba li dawn qed jimtlew b'ħafna ilma waqt ix-xita.

07.4.2.1 Qal li hemm bidwi li ma jsibx oġġezzjoni li jieħu l-ilma minħabba l-ġiebja.

07.4.2.2 Staqsa jekk jistgħux isiru toqob fit-tarmak sabiex l-ilma jinżel fid-dagħbien fl-istess triq.

07.4.2.3 Is-Sindku wieġeb li jekk isir hekk it-triq tibda tinqasam minħabba li l-ilma jibqa' dieħel taħt it-tarmak u maż-żmien issir ħafna ħsara.

07.4.2.4 Qal li din diġa' ġiet ippruvata u anke fl-istess triq għandna biċċa fejn qed iċċedi u diġa' mlejniha tliet darbiet.

07.4.2.5 Dwar il-każ tal-bidwi, is-Sindku wieġeb li l-biża' tiegħu hi li bl-ewwel xita l-ġiebja timtela' minħabba l-volum ta' ilma li jinżel u jispiċċa jagħlaq il-fetħa mal-ewwel u nerġgħu nsibu l-problema ma' wiċċna.

07.4.2.6 Qal li l-aħjar ħaġa tkun li nerġgħu nirriferu l-każ lill-Perit tal-Kunsill Lokali kif ukoll lid-Diviżjoni tax-Xogħolijiet.

07.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq Patri Nikol Magri ofm u qalet li fl-isplay qiegħed isir parkeġġ ta' karozzi quddiem fejn titbaxxa l-bankina.

07.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li dik l-isplay lanqas fiha ħames metri u allura wieħed mhux suppost jipparkja, u jista' jagħti l-każ li anke jekk isiru d-double yellow lines, xorta waħda jsir il-parkeġġ.

07.4.3.2 Qal li ser inkunu qegħdin ninvestigaw dan il-każ u nmexxu.

07.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar id-dog bins u jekk jistgħux jitwaħħlu oħrajn madwar il-lokalità.

07.4.4.1 Qalet li fl-opinjoni tagħha hemm ħafna dog bins fi Triq it-Tempesta, u dawn forsi setgħu jiġu mqassma aktar.

07.4.4.2 Is-Sindku wieġeb li tkun ideali li tingħata l-informazzjoni dwar fejn

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jistgħu jiġu installati aktar dog bins.

07.4.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar laqgħa tal-Lifelong Learning.

07.4.5.1 Staqsiet jekk tistax issir laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali biex naraw għal-liema korsijiet nistgħu napplikaw.

07.4.5.2 Is-Sindku wieġeb li mhijiex problema li ssir din il-laqgħa.

07.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-bankina fi Triq il-Biżantini kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

07.4.6.1 Staqsiet jekk din il-bankina tistax issir aktar aċċessibbli billi togħla 'l fuq.

07.4.6.2 Is-Sindku wieġeb li jekk il-bankina ser togħla ser tkun aktar diffiċli biex in-nies jitilgħu u jinżlu fuqha kif ukoll il-karozzi jibdew iħabbtu l-bieba u jkollna l-ilmenti.

07.4.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar id-dawl fi Triq it-Torri kantuniera ma' Triq San Nikola u qal li kien hemm lampa nqalgħet u ġiet rilokata u jekk din tistax issir m'arblu minflok ħalli jidher aktar dawl.

07.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li ser jiċċekkja dwar dan il-każ.

## 07.5 <u>RAPPORTI</u>

07.5.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-korsijiet tal-Food Handling u l-First Aid.

07.5.1.1 Qalet li jidher li marru tajjeb ħafna u fil-fatt il-kors tal-First Aid ser jerġa' jsir f'Jannar 2020.

07.5.1.2 Dan ser isir fid-29 u l-31 ta' Jannar 2020 u dan il-kors diġa' ngħalaq bin-numru ta' nies li ser jieħdu sehem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 07.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

07.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €12,427.67 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/19 u €72.82 skont il-*Petty Cash* Ref W/11.

07.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

07.11.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

07.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 07.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

07.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 16 ta' Jannar fil-5:30pm.

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |